# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru:439/97

Victor Micallef

vs

Telemalta Corporation u b' digriet tal-5 ta' Ottubru 1999 Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 30 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi hu kien dahal jahdem mat-Telemalta fis-sena 1967 bhalha Labourer. Hu ghamel korsijiet matul iz-zmien li ilu jahdem it-Telemalta li kienu jinkludi il-PBX, Strauger, Sistemi Elettronici tal-PBX u is-sistemi K1 u K2 Plecy, ta’ dawn kollha ghandu certifikati. Hu hadem fit-testroom, il-workshop, u is-sezzjoni tal-PABX. Hu dejjem ghamel xoghlu kif suppost u bl-akbar reqqa u qatt ma kellu rapporti hziena fuq ix-xoghol.

Illi fis-sena 1989 hu kien applika ghal-post ta’ TO1 u TO2 hu kien qaghad ghal-interview u wara li hargu ir-rizultati hu ma nghatax il-promozzjoni anzi gie maqbuz min-nies b’inqas servizz u esperjenza minnu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata il-promozzjoni li kien haqqu flimkien mas-seniority, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5,000 jew kif jiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta’ Telemalta Corporation li eccepiet:-

1) Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b’rizultat ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2) Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta’ Telecommunication Technician I u ta’ Telecommunication Technician II kienet harget fit-23 ta’ Gunju 1989. Ir-rikorrent ma kienx applika ghall-grad ta’ telecommunications Technician I kif jallega fir-rikors tieghu. Huwa kien applika ghall-grad ta’ Telecommunications Technician II pero’ ma kkwalifikax u ghalhekk ma setghax jinghata l-promozzjoni.

3) Illi minn massimu ta’ 100 marka r-rikorrent gab biss 26 marka. Dawn kienu mqasmin hekk 10 minn 20 marka ghas-snin ta’ servizz; 5 minn 20 marka ta’ l-esperjenza; u 3 minn 15-il marka ghall-kwalifiki; 3 minn 20 marka ghall-mistoqsija teknika; 2 minn 10 marki ghal taghrif generali; u 3 minn 5 marki ghal personalita’. Ghalhekk ma setghax jinghata l-promozzjoni.

4) Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fil-5 ta' Ottubru, 1999 ir-rikorrent iddikjara li t-talba odjerna hi limitata biss ghall-kumpens stante li fil-mori tal-kawza ghadda Bord Mediku u f'Marzu 1999 spicca mix-xoghol mal-Maltacom.

Ra li r-rikorrent ikkonferma l-fatti indikati fir-rikors. Ra l-affidavit tieghu fejn semma li gie michud ingustament minn promozzjoni ghal grad ta' TOI mit-Telemalta Corporation meta f'Gunju 1989 saret sejha ghall-applikazzjonijiet u wara saru l-intervisti.

Hass li ma giex moghti l-punti li kien jisthoqqlu dwar:
esperjenza meta kkomparata mas-snin ta' servizz u x-xoghol li kien jaghmel;
il-mistoqsija teknika meta tqis ic-certifikati li ghandu w l-punti li nghataw lill-nies li lanqas certifikat wiehed m'ghandhom;
fir-rigward tal-mistoqsija generali;

It-tahwid fil-marki li nghataw ghal dan il-kriterju jidher car mill-fatt li tlieta min-nies li kellhom l-istess snin ta' servizz daqsu nghataw 18 il-punt ghal esperjenza waqt li hu nghatajt 5 punti,

nies b'7 snin servizz inghataw 20 u kien hemm min b'4 snin inghta 17.

Ghamel snin jahdem bix-xift mal-PABX section fejn kien ikun responsabbli ghal diversi PABX's ta' sptarijiet, inkluz St. Lukes', dipartimenti tal-Gvern, Central Bank etc. F'dan il-post kien obbligat isolvi l-problemi li jinqalghu fis-sistema tat-telefon ta' dawn il-postijiet wahdu u fl-iqsar hin possibli. Biex thalla jahdem f'post hekk sensittiv bil-fors li kien fdat u allura bil-fors li kellu l-esperjenza u l-hila teknika mehtiega.

Dwar il-***mistoqsija teknika*** qal li l-mistoqsija teknika li gejt mistoqsi mill-Bord kienet "X'facilitajiet joffru l-PABX Elettronici tal-Plessey?" Qal li ma jistax jifhem kif gie moghti tlett (3) punti biss meta lanqas kieku ried ma setgha iwiegeb din il-mistoqsija hazina ghax-xogholu kien fuq dan l-apparat. Fil-fatt ha diversi korsijiet minn rappresentanti tad-ditta fejn kien anki kapaci jistalla dan l-apparat f'kumpaniji u jzid jew inaqqas l-options li kienet toffri din is-sistema skond il-bzonn tal-klijent.

Ghal mistoqsija teknika nies li kellhom 3 marki ghall-kwalifiki kienu qedghin jiehdu 18, 19, u 20 u hafna b'xejn kwalifiki hadu 17, 18 u 19.

Sostna li nies li kienu fi gradi inqas minnu gew moghtija punti aktar minnu meta hu bil-fors li kellu esperjenza u hila teknika iktar minnhom ghaliex kien diga fi grad ghola minnhom u ghalhekk kellu responsabilita' f'xogholu iktar minnhom.

Meta hargu l-applikazzjonijiet ghal promotions hu kien ilu mat-Telemalta tnejn u ghoxrin sena. Hadem f'diversi dipartimenti u dejjem ghamel xogholu bl-ikbar skruplu u efficjenza. Attenda ghal diversi courses organizzati mill-kumpanija.

Semma li r-rizultati ta' l-interviews qatt ma gew pubblikati bid-dettalji kollha hlief madwar sentejn ilu. Ghalhekk ma setghax jappella kif mill-ewwel xtaq li jaghmel.

Joseph Mallia Technical Executive mal-Maltacom semma li r-rikorrent dahal jahdem ma` dak iz-zmien kienet Post and Telephones fl-1967 bhala labourer, u mbaghad fl-1974 sar Telephone Technician 1. Fl-1979 sar Telephone Technician 2, u fl-1986 sar Telephone Technician 3. Imbaghad bir-riforma sar Technical Officer 1. Fit-23 ta` Gunju 1989 kienu hargu sejhiet ghall-grad ta` TO1 u TO2. Is-Sur Micallef applika biex jigi kunsidrat ghall-grad ta` TO1. Huwa ma applikax ghall-grad ta` TO2. Huwa ma kkwalifikax peress li gab 26 marka u l-marka minima kienet ta` 50 punt.

Il-kriterji wzati mill-bord tal-ghazla u l-marki miksuba mir-rikorrent kienu:
ghas-snin ta` servizz kienu 30 marka u gab 10 marki;
esperjenza gab 5 minn 20;
kwalifikazzjonijiet gab 3 minn 15;
mistoqsija teknika gab 3 marki minn 20;
marka allokati ghall-General Knowledge gab 2 minn 10.
fil-personalita` gab 3 minn 5.

It-total ta` marki allokati mill-bord kienu ta` 100 u r-rikorrent gab 26.

Xehed li Micallef dak iz-zmien kien responsabbli mill-PBX` s li kien jahdem fuqhom fl-isptarijiet u anke f` xi partijiet ta` hotels ta` Malta u ghalhekk kellu l-esperjenza fuq dawn l-oqsma kollha, inkluzi anke dipartimenti tal-Gvern. Fil-fatt jafha wkoll din mill-linja personali fejn jaf li r-rikorrent kien jintbaghat fejn kien ikun hemm hsara ta` natura urgenti fuq il-PBX inkluz anke l-isptar. Din tirrikjedi hila teknika.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent irnexxilu jipprova li saru diversi aspetti mill-interview fuq mod stramb. Infatti ix-xhieda moghtija minn Joseph Mallia irrizulta li certament ir-rikorrent kien missu inghata aktar marki tall-mistoqsija teknika. Probabli missu inghata aktar anke tal-esperjenza.

Izda f'dan il-process it-Tribunal huwa ffacjat bi problema fil-konfront tar-rikorrent li l-marka tieghu hija 26 u anke jekk f'diversi aspetti tigi mghollija l-marka xorta wahda li ma jkunx sufficjenti li r-rikorrenti jilhaq il-marka necessarja ghall-appointment. Ir-rikorrent ma semmiex li kien hemm diversi li kellhom kwalifiki u xorta ma gabux marki gholja. Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.